*Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

# Minuti

# Tmien Legislatura

## *Laqgħa numru 42*

***13 ta' Ġunju 2018***

### *Preżenti*

Is-Sur Francis Debono -Sindku
Is-Sur Josef Azzopardi -Viċi Sindku
Is-Sur Dominic Spencer -Kunsillier
Is-Sur Frank Zammit -Kunsillier
Is-Sur Jean Paul Zammit -Kunsillier

### *Assenti b'Apoloġiji* (Skont Ordni Permanenti 14A(3)

### *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono ippresjeda l-laqgħa.

### *42.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

42.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija.

### *42.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

42.2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

### *42.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

42.3.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono f'isem il-Membri tal-Kunsill u l-amministrazzjoni għadda l-kondoljanzi lill-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi. Il-Viċi Sindku min naħa tiegħu rringrazzja lill-Membri preżenti f'ismu u f'isem il-familjari tiegħu għar-rispett u l-għajnuna morali li rċevew matul dan iż-żmien diffiċli.

42.3.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li llum kellhu laqgħa ma Transport Malta fejn ġie infurmat b'xi tibdil li ser ikun hemm bżonn isir fil-flow tat-traffiku mill-Marsa minħabba l-proġett tal-flyovers. Is-Sindku semma li Triq it-Tiġrija fejn il-BOV ser terġa tkun two ways dan sabiex il-karozzi jibqgħu jitilgħu min Marsa Road. Dawn id-diversions naturalment ser ikunu qegħdin iżidu t-traffiku fil-qalba tal-lokalita'.

42.3.3 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ġibed għall-attenzjoni tal-Membri li kien hemm kummenti fuq is-sit soċjali facebook dwar l-istat ħażin tal-mini pitch. Xtaq ifakkar li l-Kunsill approva fis-seduta ta' qabel li jinħareġ tender sabiex il-mini pitch tiġi rranġata. Il-Kunsill qed jistenna l-pjanti u d-dettalji finali mill-perit tal-Kunsill sabiex din it-tender tinħareġ.

42.3.4 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li s'issa l-Kunsill ma rċieva l-ebda disinn għall-monumenti tal-Ħaddiema tax-Xatt u dak tal-Qasab. B'hekk jixtieq jitlob lis-Segretarju Eżekkutiv sabiex jkun jista' jestendi ż-żmien ta' dan l-avviż b'xahar ieħor.

### *42.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

42.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer jixtieq jiġbed għall-attenzjoni tal-Kunsill li qed jkun hemm irwejjaħ insapportabbli fl-akwata ta' Fishermen Street. Wara diskussjoni qasira, s-Sindku s-Sur Francis Debono qal li matul din il-gimgħa intbgħatet ittra lir-residenti tinfurmahom dwar il-korrispondenza bejn il-Kunsill u l-Water Services Corporation. Madanakollu, s-Sindku qal li fil-granet li ġejjin, il-Kunsill ser jipprova jagħmel laqgħa mall-inġinier tal-Water Services Corporation sabiex tinstab soluzjoni dejjiema għal din il-problema.

42.4.2 Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab jekk jistgħux isiru parking bays fiż-żona tas-Sea Malta. Dan hekk kif hemm xi ħaddiema li qed jilmentaw li qegħdin jaqilhu tickets wara li jkunu qed jipparkjaw fuq il-linja l-bajda. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li dawn iċ-ċitazzjonijiet jingħataw meta l-karozzi ma jkunux ipparkjatai sew fuq il-linja l-bajda.

42.4.3 Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal jekk jistgħax jitweħħel l-poġġaman fit-taraġ ta' Triq Diċembru Tlettax. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li dan il-poġġaman diġa' ġie ordnat.

42.4.4 Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa jekk jistgħax isir zebra cross Marsa Road fil-viċinanzi ta' fejn tintrema' l-vara tas-Ssma Trinita' sabiex in-nies ikunu jistgħu jaqsmu f'din iż-żona traffikuża. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li tkun ideja tajba li wieħed jikkunsidra li din issir.

42.4.5 Il-Kunsillier is-Sur Jean Paul Zammit ġibed għall-attenzjoni tal-Kunsill li Triq Troughbridge u Triq ix-Xwieni qed jinġema ħafna ħmieġ. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li illum stess bgħat il-kuntrattur sabiex inaddaf l-iskip li kienu qed jħallu kumpanija privata f'din it-Triq bil-konsegwenza li ħafna skart beda' jintrema' hemm. Il-Kunsill bgħat ukoll ittra lil din il-kumpanija sabiex jitneħħa l-iskip minnufiħ.

42.4.6 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal jekk huwiex possibli jekk jistgħux jitwaħħlu tabbelli biex ma jarmux żibel fejn il-monument tal-Iscouts f'misraħ G.F. Abela. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li jekk dan isir ikun qed ikerraħ il-monument, pero xorta waħda jistgħu jiġu kkunsidrati alternattivi.

42.4.7 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer talab biex il-Kunsill jinforma lill-perit tal-Marigold Foundation dwar l-ammont esaġerat ta' skart tal-bini li qed jitħalla fl-akwata tal-Kunsill bil-konseguenza li ħafna trab qed itir bir-riħ. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li ser jinforma l-perit dwar dan.

## *42.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti*

42.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom kif ippreżentati. Il-Kunsillier s-Sur Frank Zammit ssekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

## *42.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

42.6.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qara l-ittra mibguta mill-Għaqda Storika Kulturali Marsa fejn qed tagħti ndikazzjoni li giet injorata fuq it-talbiet taghhom tal-bdil tal-ismijiet tat-toroq kif ukoll fuq il-Monument tal-Ħaddiema tax-Xatt. Is-Sindku qal li l-aħħar darba li ltqajna mall-Ghaqda Storika u Kulturali li kien fl-17 ta' Marzu 2017 fejn kienu ġew diskussi dawn il-punti f'din il-korrispondenza. Il-Kunsill qatt ma njora t-talbiet tagħhom imma s-Sindku kompla jgħid li fil-Kunsill preċedenti fejn jidħlu l-issue tal-ismijiet tat-toroq, kienet saret diskussjoni mill-istess Kunsill u ma kien hemm l-ebda problema għall-ċertu bdil ta' ismijiet, imma kien ġie mitlub biex ikun kawtel minhabba l-bdil tal-ID cards il-ġodda. Apparti hekk fuq l-issue tal-Monumenti, l-Kunsill ma rċeiva l-ebda kommunikazzjoni min naħa tal-ghaqda wara sena jekk kien hemm xi artisti jew periti min naħa taghhom li lesti jissottomettu xi disinn jew abbozz. Il-Kunsillier is-Sur Jean Paul Zammit qal li l-Kunsill m'ghandhu jħalli l-ebda ghaqda tiddettalu l-agenda tiegħu jekk ma jkunx hemm diskussjoni flimkien. Apparti kollox is-Sindku kompla qal li l-Kunsill kellhu interss joħroġ dawn is-sejhiet biex din l-inizjattiva meħuda mill-Kunsill flimkien ma Għaqda partikolari ssir biex inkomplu nkabbru għarfien għall-kultura u l-istorja lokali. B'hekk kien hemm qbil li l-Kunsill jkompli fuq l-inizjattiva li ħadna flimkien mall-Għaqda Storika u Kulturali Marsa. Il-Kunsill jibqa' dejjem miftuħ li jilqa suġġerimenti jew xi disinn partikolari min kull għaqda hekk kif is-sejħa hija miftuha għal kulhadd.

42.6.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono spjega li hemm residenta li qed tgħaddi suġġeriment lill-Kunsill sabiex Triq il-Kunċizzjoni ssir 'one-way'. Wara diskussjoni zgħira ġie miftiehem li fis-seduta li ġejja ser tiġi ppreżentata site plan tat-Triq. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

42.6.3 Is-Sindku s-Sur Francis Debono informa lill-Membri tal-Kunsill li l-Kumitat Festi Esterni Marija Reġina qed tistaqsi jekk il-Kunsill huwiex interessat jirreklama fil-Pubblikazzjoni tal-Festa. Il-prezz għal paġna bil-kulur huwa ta' €250. Il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *42.7 Approvazzjoni tal-Liġi Lokali dwar l-Itlajjar*

42.7.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono spjega li l-Kunsill irid jagħti l-approvazzjoni tiegħu għad-dokument finali tal-liġi lokali dwar l-Itlajjar. Dan wara li ġew inkluzi dawk is-suġġerimenti li ta' l-Kunsill u li kienu permessibbli bil-liġi li jsiru. Matul dawn l-aħħar tlett ġimgħat dan id-dokument kien għad-dispożżizjoni tal-Pubbliku u ma kien hemm l-ebda suġġeriment ġdid sabiex ikun hemm xi bidliet fid-dokument. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellu xi emendi l-Kunsillier is-Sur Jean Paul Zammit issekonda filwaqt li l-vot favur kien wieħed unanimu.

42.7.2 Wara li l-liġi ġiet approvata b'mod unanimu s-Sindku talab lill-Membri prezenti biex japprovaw li tinħareġ *Press Release* fuq din il-liġi. Din il-press release inqrat għall-approvazjoni ta' kulħadd. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda u l-vot favur kien unanimu.

## *42.8 Deċiżjoni dwar Tender Kollezjoni ta' demel miż-żona tal-korsa tat-tiġrijiet fil-Marsa*

42.8.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li matul ix-xhur li għaddew il-Kunsill Lokali ħareġ tender permezz tas-sistema eletronika EPPs kif titlob il-liġi skont il-kriterji tal-BPQR (Best Price Quality Ratio). Għal dan it-tender applikaw zewġ kuntratturi, li huma WM Environmental Ltd u Kevin Farrugia. Wara l-analizi li saret mill-Kunsill mall-Kunsilli Lokali kollha l-indikazzjoni huwa li biex jingħata l-aħjar servizz huwa s-Sur Kevin Farrugia. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *42.9 Deċiżjoni fuq Kwotazzjoni Provista u Nstallazjoni ta' Bankijiet tal-Konkrit Ornamentali.*

42.9.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono spjega li l-Kunsill ħareġ kwotazzjoni permezz tas-sistema elettronika EPPs sabiex jinstab kuntrattur li lest iwaħħal u jipprovdi l-Kunsill bankijiet tal-konkrit li ftit li xejn ma jkollhom bżonn maintenance. Għal din il-kwotazzjoni applika persuna waħda, s-Sur Mario Mallia. Wara diskussjoni zgħira, ġie maqbul li dan il-kuntrattur għandhu jingħata x-xogħol ta' din il-kwotazzjoni. Il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

Il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit ħareġ mis-seduta 6.50 p.m.

## *42.10 Xiri ta' Għamara għall-Uffiċċju*

42.10.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li matul il-gimgħa li għaddiet l-impjegati tal-Kunsill kienu qed iduru f'xi ħwienet tal-għamara sabiex isibu żewġ bankijiet ħodda li jaqblu ma l-għamara eżistenti. Is-Sindku talab għall-approvazjoni tal-Kunsill sabiex l-impjegati jkunu jistgħu jsibu l-aħjar għamara għal dan il-għan. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *42.11 Stedina lit-tfal Marsin għal parteċipazzjoni fil-football jew Sports ieħor*

42.11.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li diversi għaqdiet ta' sports fil-lokalita' kienu qed javviċinawħ biewx jesprimu t-tħassib tagħhom għat-tnaqqis fl-ammont ta' tfal u zgħazagħ li qegħdin jattendu xi klabb sportiv. B'hekk tkun ideja tajba jekk il-Kunsill jipprova jgħin dawn l-għaqdiet jiġbdu lejhom aktar tfal u zgħazagħ. Wara diskussjoni fost il-membri preżenti, kien hemm qbil li l-Kunsill joħroġ avviż biex il-Kunsill ikun jaf x'tip ta' sports u xi interess hemm fost it-tfal u z-zgħazagħ tal-lokalita' fi kwalunkwe tip ta' sports, ikun xi jkun u mhux biss sports bħal football. Il-Kunsillier is-Sur Jean Paul Zammit issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *42.12 Talba min kumpanija biex jinġabru ħwejjeġ mid-dar*

42.12.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li kien hemm kumpanija li għadha relattivament ġdida fis-suq li qed toffri serviżż b'xejn biex tiġbor ħwejjeġ li huma skartati mid-djar tar-residenti. Fost il-Kunsilliera ntweriet ix-xewqa li jekk din l-iskema tkun ta' suċċess tkun ideja tajba jekk din il-kumpanija privata tagħti sehem b'mod volontarju f'attivitajiet tal-Kunsill. Is-Sindku talab ukoll li jsir kuntratt uffiċjali mall-kumpanija. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *42.13 Preżentazzjoni dwar il-lokalita'*

42.13.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono wera' x-xewqa li l-Kunsill ikollhu fotografu professjonali biex jagħmel preżentazzjoni dwar il-lokalita' tal-Marsa li jkun jista' jintwera fl-attivitajiet kollha relatati mall-Kunsill Lokali. Wara diskussjoni zgħira fost il-membri preżenti, l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ssekonda, filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *42.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

42.14.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.30pm u ġiet aġġornata għall-4 ta' Lulju 2018 fill-5.30pm kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Francis Debono<br>Sindku | Edward Spiteri Audibert<br>Segretarju Eżekuttiv |

Ikkonfermata llum 4 ta' Lulju 2018